MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru. 384/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**FRANCIS CARUANA ta’ 57 sena, iben il-mejjet Anthony u l-mejta Catherine nee’ Agius, imwieled iz-Zejtun nhar il-31 ta’ Awwissu, 1954, residenti fil-fond Maruska, Triq l-Istamnar, Qawra, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 647554M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Francis Caruana** li gie akkuzat talli:

1. Nhar f’Marzu 2008, u fil-granet u xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Emanuel Vassallo, liema somma giet fdata jew ikkunsinata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industsrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 239, u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-istadju ta' l-interrogatorju, l-imputat kien irregistra ammissjoni li fil-fatt baqghet minnu kkonfermata.

Rat li moghti c-cans, l-imputat hallas a saldu ta' dak minnu obbligat lil Emmanuel Vassallo. Fir-rigward tas-somma dovuta, ghalhekk xehed Emmanuel Vassallo. Ezebixxa wkoll ricevuti ta' somom li rcieva in parte ghas-saldu ta' dak lilu dovut, Dok EM folio 28 – 30. Mill-atti fil-fatt jidher illi tul il-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat ghamel diversi hlasijiet lill-parte civile, tant illi Emmanuel Vassallo anke xehed in sostenn ta' dan. Tant illi sa fl-ahhar deher il-parte civile li ddikkjara li kien ircieva l-ammont kollu mertu ta' din l-akkuza.

Illi tenut ta' l-ammissjoni tieghu, din il-Qorti qieghda ssib lil Francis Caruana hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Qieset illi moghti z-zmien biex ihallas dak kollu dovut, l-imputat affettwa tali hlas, ghaldaqstant qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------